MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2014

Numru. 458/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Abdisalan Mahamed Afrah u**

**Ahmed Abdi Jama**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Abdisalan Mahamed Afrah ta’ 27 sena, iben Mohammed u Habiba nee’ Jarambi, mwieled Somalia fit-12 ta’ Gunju, 1986, minghajr residenza fissa u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 83472A

U

Ahmed Abdi Jama ta' 30 sena, iben Abdulshama u Hawwa Bile nee' Mohammed, mwieled Somalia fl-1 ta' Jannar, 1984, minghajr residenza fissa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 59397A

Akkuzati talli:

1. Fil-5 ta' Mejju 2014 ghall-haba tad-21:00 hrs gewwa Triq Nazzjonali il-Hamrun bil-hsieb li jghamlu delitt u cioe' delitt ta' serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Stojanka Stevanovic urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin u bil-valur li ma jeccedix il-232.93 Euros (mitt Lira Maltija).
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanza kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Stojanka Stevanovic skond kif iccertifika Dr. Kenneth Vassallo MD mic-centru tas-Sahha ta' Floriana.

Lil Abdisalan Mohamed Afrah akkuzat ukoll talli:

1. Fl-4 ta' Mejju 2014 ghall-habta ta' bejn l-22:30 hrs u 22:40 hrs gewwa Triq Nazzjonali l-Hamrun flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Ioanna Andreopoulou liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-232.93 Euros (mitt Lira Maltija) u dan ghad-detriment tal-imsemmija Ioanna Andreopoulou.
2. Fit-3 ta' Mejju, 2014 ghall-habta tal-22:05 hrs gewwa s-subway ta' Triq Nazzjonali l-Hamrun flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Tiziana Luce liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-232.93 Euros (mitt Lira Maltija) u dan ghad-detriment tal-imsemmija Tiziana Luce.
3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi sar ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Ahmed Abdi Jama akkuzat ukoll talli:

1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fi stadju bikri ta' din il-procedura, u cioe fis-seduta tas-7 ta' Mejju, 2014 l-imputati irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Ahmed Abdi Jama bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tieghu u partikolarment li l-imputazzjonijiet iwasslu ghal piena massima ta' sitt (6) snin prigunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Abdisalan Mahamed Afrah bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni tieghu u partikolarment li l-imputazzjonijiet iwasslu ghal piena massima ta' tnax-il sena (12) prigunerija u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni tal-imputati stess, il-Qorti issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati u l-fatt li huma ikkoperaw mal-pulizija, ghalkemm fl-istqarrija tieghu Ahmed Abdi Jama ma ammettiex li kien komplici mal-imputat Abdisalan Mahamed Afrah fl-attentat ta’ serq ta’ Stojanka Stevonovic.

F’dan l-attentat ta’ serq l-ammont li kien hemm fil-handbag kien ta’ circa €50, pero l-vittma sofriet griehi ta’ natura hafifa f’subghajha u li pero huma ta’ importanza zghira. Pero l-Qorti ma tistax ma tosservax li dan l-incident seta’ kellu konsegwenzi hafna iktar gravi stante li l-incident sehh fuq l-istage tat-trasport pubbliku. Mir-rapport tal-pulizija jirrizulta li wiehed miz-zewg imputati ta daqqa ta’ sieq minn wara lill-vittma li waqghet mal-art u wiehed mill-imputati beda jigbdilha l-handbag. Meta waqghet saqajha giet taht il-vettura tat-trasport pubbliku, u x-xufier tal-vettura ma setghax jaraha u fortunatament induna biha ghaliex hija bdiet tghajjat u x-xufier nizel mill-vettura.

Dan l-attentat ta’ serq huwa aggravat ukoll bil-hin.

Il-piena ghal dan l-attentat ta’ serq ghandha tigi mnaqqsa bi grad.

It-tieni imputazzjoni tar-reat ta’ ferita ta’ natura hafifa hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ta’ attentat ta’ serq aggravat bil-vjolenza.

L-imputat Abdisalan Mahammed Afrah ammetta wkoll li hu kkommetta zewg serqiet ohra ta’ handbags. F’dawn l-incidenti ma weggha hadd, imma s-serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur billi handbag wiehed kellu fih affarijiet li jammontaw ghal circa €500 u l-iehor affarijiet li jammontaw ghal circa €600. Minn dawn l-affarijiet misruqa ma gie rkuprat xejn, stante li l-affarijiet misruqa gew mibjugha mill-komplici li l-imputat Abdisalan Mahammed Afrah kellu mieghu meta kkommetta dawn iz-zewg serqiet.

Iz-zewg imputati huma recidivi. L-imputat Ahmed Abdi Jama ghandu zewg kundanni li pprova jahrab minn Malta b’mod illegali, filwaqt li l-imputat Abdisalan Mahammed Afrah diga gie kkundannat ghal attentat ta’ serq aggravat. Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad.

Ghalkemm fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputati ssottometta li l-imputati serqu biex ikollhom il-flus biex jixtru x'jieklu dan ma jirrizultax mill-istqarrijiet li rrilaxxaw l-imputati. L-imputat Ahmed Abdi Jama fl-istqarrija tieghu jghid li hu joqghod il-Marsa Open Centre u mar mal-imputat l-iehor jixrob l-iSkol. Filwaqt li ghalkemm fl-istqarrija tieghu l-imputat Abdisalan Mahamed Afrah jghid li bil-flus li seraq xtara xi haga x'jiekol, hu jghid ukoll li bil-flus hu u l-komplici li kellu mieghu marru jixorbu. Min hu maghfus ghal flus, ma jonfoqhomx fix-xorb.

**Konkluzjoni**

*Fil-konfront ta' Abdilsalan Mahamed Afrah*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 41(1), 261(a), (c) u (f), 262(1)(a), 267, 270, 274(d), 277(a), 20, 221, 279(a), 280(1), 49, 50 u 289, issib lill-imputat Abdilsalan Mahamed Afrah hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' tlett (3) snin prigunerija.

*Fil-konfront ta' Ahmed Abdi Jama*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 41(1), 261(a), u (f), 262(1)(a), 270, 274(d), 277(a), 20, 221, 49 u 50, issib lill-imputat Ahmed Abdi Jama hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------